MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-21 ta' Ottubru 2024

Avviż Numru: 74/2021NHV

**Francesco Cutajar**
(KI144891M)
eżerċenti fil-kummerċ bl-isem 'JCD'

**vs.**

**RCC CO. Limited**
(C73641)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2021[1], li permezz tiegħu, ir-rikorrent talab il-ħlas tas-somma ta' sebat elef u mija u tmienja u għoxrin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€7128.59) mingħand is-soċjetà intimata rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata mir-rikorrent lis-soċjetà intimata li baqgħet ma tħallsitx. Talbet ukoll il-ħlas tal-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie ppreżentat kontestwalment mal-avviż, bl-imgħax skont

[1] Fol. 1 tal-proċess;

il-liġi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta, li kienet inġunta in subizzjoni.

Rat li l-Qorti kif diversament presjeduta kienet appuntat din il-kawża għas-smigħ għas-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021.[2]

Rat li l-partijiet ġew debitament notifikati bl-avviż.[3]

Rat ir-**risposta** tas-soċjetà konvenuta RCC CO. Limited C73641, debitament rappreżentata minn Clive Ciappara (KI78989M)[4] fejn laqgħet għat-talba u eċċepiet li:

It-talbiet tal-attur, in kwantu jistgħu jkunu diretti lejn is-soċjetà esponenti, huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u bħala tali għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż skont il-liġi:

1) Fl- ewwel lok, ġie eċċepit in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, stante li:
    a) Ma jeżisti ebda kuntratt ta' bejgħ jew xort' oħra ta' kuntratt bejn l-istess partijiet u li kieku kien hemm se mai għandu jiġi provat mir-rikorrenti nnifsu;

    b) Mingħajr preġudizzju għall-permess, kif jista' jirriżulta, il-merkanzija li tista' tkun mertu tal-vertenza, ġiet fiżikament konsenjata fl-istabbilimenti tas-soċjetà konvenuta unikament minħabba bejgħ lil terz, anke jekk għall-fini ta' appalt mogħti lill-istess terz minn soċjetà terza wkoll li tuża l-istess stabbilimenti tas-soċjetà esponenti. Din is-soċjetà terza hija soċjetà RCC DESIGN AND SECURITY LTD C91903; u

    c) Mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti żgur ma kienx inkarigat għall-istess appalt, li għandha tkun xi ħaġa paċifika bejn il-partijiet, stante li r-rikorrenti qiegħed jallega kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet. L-allegata merkanzija mibjugħa mir-rikorrenti ġiet effettivament ordnata minn, mibjugħa lil u kellha tiġi konsenjata mir-rikorrenti favur it-terz magħruf mir-rikorrenti, bil-lok tal-konsenja jkun għal kollox irrilevanti għad-determinazzjoni tar-relazzjonijiet ġuridiċi instawrati. Dan it-terz magħruf ukoll mis-soċjetà esponenti huwa persuna naturali ta' ċittadinanza Taljana magħrufa bħala

[2] Fol. 3 tal-proċess;
[3] Fol. 6 tal-proċess;
[4] Fol. 7 sa 8 tal-proċess;

''Nino'' u dak il-bejgħ allegat mir-rikorrenti se mai sar sabiex ''Nino'' jeżegwixxi l-appalt favur is-soċjetà terza RCC DESIGN AND SECURITY LTD C91903. Dan l-istess appalt bejn l-istess soċjetà terza u ''Nino'' ma jinvolvix ġuridikament lir-rikorrenti, u effettivament lanqas lis-soċjetà esponenti; u

d) Mingħajr preġudizzju għall-permess, l-istess terz ''Nino'' li lilu seta' sar il-bejgħ mir-rikorrenti, qatt ma kien inkarigat jew seta' jaġixxi b' xi mod bħala mandatarju tas-soċjetà esponenti, wisq aktar meta l-istess ''Nino'' kien inkarigat b'appalt inkludenti dik l-istess merkanzija u li għaliha tħallas ukoll fil-kuntest tal-appalt rilevanti kif jista' jiġi pprovat.

2) Fit- tieni lok, mingħajr preġudizzju u b'żieda mal-premess, ingħad għal kull buon fini li s-soċjetà esponenti, stante li għandha l-istess indirizz u l-istess uffiċjali tas-soċjetà RCC DESIGN AND SECURITY LTD C91903, taf u lesta tipprova li għandu jirriżulta li s-soċjetà aħħarija ħallset bi sħiħ lit-terz appaltatur magħruf bħala ''Nino''; u

3) Fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti kien ġie mgħarraf b' dan kollu, kif għad jirriżulta mill-provi, iżda ostinatament ressaq il-proċeduri odjerni; u

4) Fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba jew talbiet odjerni huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-liġi jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat li l-partijiet infurmaw lill-Qorti li minkejja li ppruvaw jitransiġu l-vertenza, din it-tranżazzjoni ma seħħitx.

Rat li l-Qorti kif diversament preseduta permezz ta' digriet mogħti waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru 2022, laqgħet it-talba għall-inverżjoni tal-provi limitatament għall-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta tal-leġittimu kuntradittur.[5]

---

[5] Fol. 15 tal-proċess;

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-**provi** kollha mressqa mis-soċjetà konvenuta dwar din l-ewwel eċċezzjoni tal-leġittimu kuntradittur, fosthom:

ix-xiehda tar-rikorrent stess **Francesco Cutajar**[6] fejn meta eżaminat mis-soċjetà intimata xehed li huwa biegħ materjal ta' aluminium u aċċessorji, minnhom li kien pre-fabricated u minnhom profil biss. Huwa qal li kien tkellem ma' Nino meta biegħhom, u meta saru xi deliveries kien hemm Clive preżenti wkoll. Jispjega li l-prezzijiet ikunu indikati fil-katalgu huma fissi tal-aċċessorji u tal-materjal. Jgħid li kien imur bl-ordinijiet Nino personali, u kien jikkonsenja l-oġġetti fl-istores ta' Clive tal-RCC, fis-sites tal-RCC u fil-proġetti li l-RCC tkun għaddejja tal-bini. Jgħid li l-konsenja kien jgħaddiha lil xi ħadd fuq is-sit, jew Nino, jew lil Clive li kien ikun preżenti fil-proprjetà tal-RCC. Meta muri n-nota b'korrispondenza skambjata bejn RCC Group u Chantelle Farrugia, kif ukoll ittra legali mibgħuta għan-nom ta' RCC Co Ltd, li ġiet ippreżentata mis-soċjetà konvenuta[7], huwa spjega li Chantelle Farrugia hija s-segretarja tiegħu u l-mara tiegħu, u huwa kkonferma l-indirizz elettroniku tiegħu, u kkonferma wkoll illi l-korrispondenza li fiha hemm indikat li t-talba għall-ħlas kienet ikkontestata mis-soċjetà konvenuta, kien irċeviha hu stess.

ix-xiehda ta' **Clive Ciappara**[8] fejn stqarr li huwa jaf lil persuna jisimha Nino Fazio li jaħdem ix-xogħol tal-aluminium u kien iqabbdu jaħdem għalih, mhux lavrant tiegħu. Fazio jixtri u hu jħalsu. Ciappara jgħid li qatt ma mar ma' Fazio jixtri xi materjal, u li hu kien jitlob lil Fazio jagħlaqlu s-site u jlesti x-xogħol. Jgħid li huwa ltaqa' ma' JCD Aluminium darba. Ix-xhud stqarr li Francesco Cutajar kien ċempillu darba jsaqsi għal Nino peress li Cutajar ma setgħax jagħmel kuntatt ma' Fazio, u kien hemm okkażjoni fejn Cutajar mar il-ħanut ta' Ciappara u staqsa għal dan Nino. Ciappara jgħid li kien sellef parti mill-ħanut tiegħu lil Nino biex jaħdem fih. Ix-xhud jgħid li mbagħad Cutajar beda jibgħat l-emails lil Ciappara, u Ciappara kien ċempel lil Cutajar biex jinfurmah li huwa ma kellux kuntratti ma' Cutajar u li huwa qatt ma ffirma invoices.

Ciappara jkompli billi jgħid li Cutajar insista li l-materjal kienu ħaduh fis-sit ta' Ciappara. Jinsisti li huwa ma kellux x'jaqsam ma' dawn il-konsenji u li Nino jaħdem f'siti differenti u għalhekk huwa ma kienx jaf b'ebda ordni għalih. Ix-xhud ppreżenta

[6] Mogħtija minnu stess nhar il-25 ta' Novembru 2022, fol. 21 sa 24 tal-proċess;
[7] Fol. 29 sa 37 tal-proċess;
[8] Mogħtija minnu stess waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2022, fol. 25 sa 28 tal-proċess;

sett ta' dokumenti[9]: li jirreferu għall-kuntatt li kien hemm bejn Cutajar u Ciappara li fihom Ciappara jinsisti li ma kellu ebda relazzjoni ma' JCD Aluminium, pagamenti li spjega li kienet għamlet RCC Design and Security Limited lil Nino Fazio, xogħol li sar bi tpaċija bejn Fazio u Ciappara u rendikonti li x-xhud jgħid huma bejn Fazio u RCC. Ix-xhud kompla billi qal li huwa ma jafx lir-rikorrent u kien ltaqa' miegħu darba biss meta Cutajar mar fil-ħanut tiegħu isaqsi għal Nino Fazio. Jispjega li huwa kien iħallas lil Fazio somma biex jagħlaqlu x-xogħol f'appartament, ma kienx isaqsih minn fejn kien jixtri, kien iħallsu somma globali għax-xogħol li kien jagħmel biex jagħlaq l-aperturi tal-appartamenti. Jgħid li RCC Design kienet taħdem xi xogħol ta' aluminium, RCC Property tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni u RCC Co Ltd għandha ħanut, timporta, u tbiegħ bl-imnut ta' bini ta' kostruzzjoni.

Rat li waqt is-seduta ta' nhar il-25 ta' Novembru 2022[10], is-soċjetà konvenuta ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni mressqa minnha stess.

**Clive Ciappara** xehed in-kontro-eżami,[11] fejn huwa stqarr li huwa direttur tal-kumpanija RCC Co Ltd, u li għandu tliet kumpaniji li jisimhom RCC Co Ltd, RCC Design and Security u RCC Properties Limited, u li għandu l-ħaddiema. Jgħid li lil Francesco Cutajar ma jafux u jafu biss f'dawn il-proċeduri u li rah darba biss qabel meta Cutajar mar fil-ħanut tiegħu jsaqsi għal Nino Fazio. Irreferi għall-korrispondenza skambjata fejn Cutajar talbu għall-ħlas u x-xhud qatt li huwa qatt ma kien għamel xejn ma' Cutajar. Meta muri l-fattura datata 29 ta' Awwissu 2019[12], huwa qal li qatt ma qabbad, li ma fihiex indirizz u kulma hemm indikat huwa RCC Co Ltd, ma hemmx telephone number u numru tal-VAT.

Ciappara jispjega li l-kumpanija RCC Co Ltd tbiegħ affarijiet tal-ironmongery ġol-ħwienet ta' Malta u ġol-ħanut tiegħu stess u ma għandhiex x'taqsam mal-kostruzzjoni u ma' aluminium. Jgħid li l-ordnijiet u l-accounts jagħmilhom hu stess. Meta mistoqsi dwar pagament li sar, huwa qal li ġieli ħallas tal-kera tad-dar tal-mara ta' Nino Fazio, jgħid li jkun għamel hekk bħala parti mill-pagamenti milli jkollu jagħti lil Fazio li kien sub-contractor tiegħu, meta Fazio jkun talbu jagħmel il-pagament. Jispjega li l-kumpanija jmexxiha hu, u kien iħallas għax-xogħol li kien jagħmillu Fazio skont kif jitolbu Fazio, peress li kienu jaħdmu b'kunfidenza flimkien, u li dan Fazio ma kellux kont il-bank. Hu ma kienx iħallas tal-invoices innifishom li kien jgħaddilu Fazio, iżda meta kien iħallas kienu jkunu parti mis-somma ikbar li kien ikollu iħallas lil Fazio.

[9] Fol. 38 sa 50 tal-proċess;
[10] Fol. 17;
[11] Waqt is-seduta ta' nhar l-20 ta' Ottubru 2023, fol 52 sa 59 tal-proċess;
[12] Dokument eżebit f'seduta sussegwenti tal-10 ta' Jannar 2024 waqt il-kontro-eżami ta' Francesco Cutajar, u ġie mmarkat CCD1, fol 68 tal-proċess;

Jinsisti li huwa kuntatt ma' Cutajar qatt ma kellu qabel din il-kawża, u li huwa kien jaf lil Fazio u li kien iħallas lil Fazio billi jħallas direttament il-fatturi lil terzi skont istruzzjonijiet li Fazio stess kien jagħtih u b'hekk jaqtagħhom mill-ammont li jkun dovut lil Fazio.

In ri-eżami, meta muri rendikont intitolat 'Nino tools take'[13] u mitlub jispjega għaliex kien ippreżenta d-dokumenti li juru ħlasijiet differenti, huwa qal li kien hemm kont ta' €14,000 ta' xogħol li Nino għamillu u li ppreżenta l-mod kif huwa kien iħallsu, dejjem skont kif kien jitolbu Nino. Jgħid li huwa ma jafx meta għamel l-aħħar pagament lil Nino.

Rat il-provi miġjuba mir-rikorrent Cutajar, fejn huwa xehed viva voce quddiem din il-Qorti diversament preseduta,[14] u ppreżenta sett ta' sketches[15] u statement datat 10/3/2020.[16] Cutajar jgħid li huwa manifattur u importatur ta' profili, twieqi tal-aluminium u xogħol relatat. Huwa jikkonferma li ntavola dawn il-proċeduri biex jitlob il-ħlas ta' €7,128.59 rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lis-soċjetà konvenuta li baqgħet ma tħallsitx. Jgħid li l-ordni kienet saret billi kienu jmorru għandu ħaddiema ta' Clive Ciappara ta' RCC Company Limited, u rrefera għall-iskizz li huwa ppreżenta. Jgħid li l-ħlas li qiegħed jitlob huma għall-affarijiet indikati fid-drawings kif ukoll għal xi aċċessorji li ma jidhrux. Jindika wkoll li dawn id-drawings qegħdin fuq letterhead ta' RCC. Jispjega li meta tahom ix-xogħol tahom l-aċċessorji u materjal pre-fabricated, u mhux magħqud.

Ix-xhud jispjega li kien imur għandu ċertu Nino u li kien ikollu xi nies oħra miegħu, u dejjem kien jitkellem għal RCC. Meta mistoqsi kif wasal għall-konklużjoni li Nino kien qiegħed jitkellem għal RCC, huwa qal li d-drawings huma fuq il-letterhead tal-RCC, in-nies kienu jmorru bil-vetturi ta' RCC, kien jagħmel deliveries fil-warehouse tal-RCC Santa Venera u xi siti ta' RCC, fejn kien ikollhom tabelli mal-faċċata RCC u anke dan Nino kien jgħidlu biex joħroġ l-invoices fuq RCC. Jgħid meta kien jagħmel id-delivery fil-warehouse ta' RCC kien ikun hemm Nino u n-nies tiegħu u anke Clive li kien jarah għaddej fuq xogħol ieħor, fuq is-sites ma kien ikun hemm ħadd u ġieli kien iħallihom fil-garaxx ta' RCC.

Cutajar jgħid li lil Clive Ciappara kellmu darba jew darbtejn fil-ħanut tiegħu ta' Santa Venera. Jispjega li l-ħanut qiegħed f'kantuniera u għandu affarijiet tal-hardware, imbagħad faċċata tat-triq hemm l-istores u l-warehouse tal-RCC. Ix-xhud jgħid li ilu

[13] Dokument eżebit u mmarkat CC3, fol 46 tal-proċess;
[14] Mogħtija minnu stess fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2024, fol 69 sa 78 tal-proċess;
[15] Dokumenti eżebiti u mmarkati FC1, fol 61 sa 66 tal-proċess;
[16] Dokument eżebit u mmarkat FC2, fol 67 tal-proċess;

jaf lil Nino xi tmien jew disa' snin, jismu Antonio Fazio li kien jaħdem għal rasu u ma kellux post fiss fejn jaħdem iżda biss karozza, jispjega li kien iwassal ix-xogħol fil-post eżatt fejn kien se jaħdem dan Nino. Jinsisti li dan Nino kien "Nino ta' RCC"[17], dan kien imur bil-vettura ta' RCC u drawings ta' RCC, kien iwassallu x-xogħol għand RCC u fis-siti tal-RCC. Jiddistingwi bejn il-fatturi li kien joħroġ lil Nino personali u lil RCC għal xogħol ta' RCC. Jispjega li rigward il-ħlas ġieli kien iħallsu kif jieħu x-xogħol u ġieli jiġbor id-deposit qabel ma ħadem ix-xogħol u jħallsu l-kumplament meta jeħodlu x-xogħol. Iżda f'dan il-każ Cutajar kien irċieva xi ħlasijiet fil-bidu imbagħad ma kompliex jirċievi ħlasijiet. Jinsisti li hija s-soċjetà RCC li għandha tħallsu.

In kontro-eżami, ir-rikorrent Francesco Cutajar jikkonferma li l-point of reference fuq dan il-proġett mertu ta' din il-kawża kien Nino Fazio għax kien jieħu ħsieb ix-xogħol hu, u bħala supervisor li kellu x'jaqsam mal-RCC u li Fazio kien jaħdem mal-RCC. Cutajar jgħid li wasal għal din il-konklużjoni għaliex Fazio kien juża l-vannijiet tal-RCC u jaħdem ġol-warehouse tal-RCC. Jgħid li kienu jsiru l-pagamenti, imbagħad meta Nino ma baqax jaħdem mal-RCC dawn il-pagamenti waqfu. Jikkonferma li kien jara lil Clive Ciappara fil-ħanut tiegħu meta kien imur iwassal l-affarijiet, u meta kien tkellem ma' Ciappara wara li ma kienx irċieva l-ħlas jgħid li Ciappara kien qallu l-ħlas se jsir "through Nino. Ġifieri ħa jibgħathom ma' Nino, mal-konsenja li jmiss."[18] Ix-xhud jinsisti li Clive Ciappara qatt ma qallu li lilu ma jafux, iżda li kien qallu li l-pagamenti se jibgħathom ma' Nino mal-konsenja li kien imiss. Saret riferenza għall-fattura Dok. CCD1 u ġie dikjarat li din it-talba għal ħlas ma hijiex relatata mal-kawża in eżami.

Ir-rikorrent kompla jixhed in kontro-eżami,[19] u meta mistoqsi mill-Qorti dwar il-fatturi, jispjega li ma kienx hemm numru tal-VAT fuq il-fatturi peress li dan in-numru ma kienx mgħoddi lilu meta ħareġ it-talbiet għall-ħlas. Jgħid li RCC u l-impjegati tagħha ma għaddewlux in-numru tal-VAT. Jgħid li kien joħroġ in-numru tal-VAT meta toħroġ il-fattura u l-irċevuta wara li jkun sar il-ħlas. Jikkonferma li huwa ma għamilx indaġini mal-JobsPlus biex jara min kien impjegat magħha u li kien hemm invoices oħra mħallsa b'ċekk u l-pagamenti oħra kienu jsiru bil-kontanti.

Rat li fis-seduta miżmuma nhar il-21 ta' Frar 2024, ir-rikorrent iddikjara li ma kellux aktar provi x'iressaq fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni.[20]

[17] Fol. 73;
[18] Fol. 76 tal-proċess;
[19] Fol. 81 sa 83 tal-proċess;
[20] Fol. 79 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eċċezzjoni waqt l-udjenza ta' nhar is-17 ta' Ġunju 2024[21].

Rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari.[22]

**Kunsiderazzjonijiet**

Din is-sentenza titratta dwar l-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-soċjetà intimata li ma hijiex il-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri stante li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejnha u r-rikorrent.

Din il-Qorti għalhekk trid biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, tivverifika jekk is-soċjetà ċitata fil-ġudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont ir-rikorrent, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni mressqa mill-istess rikorrent.

Fil-qosor, ir-rikorrent qiegħed jitlob ħlas mis-soċjetà konvenuta għall-konsenji ta' xogħol, u dana wara li saru ordnijiet għal tali xogħol minn persuna li għalih kienet rappreżentanta tas-soċjetà intimata; waqt illi s-soċjetà intimata tgħid li f'ebda ħin ma għamlet ordnijiet hi, iżda kienet persuna terza li kienet taħdem għal rasha mill-workshop tas-soċjetà intimata stess li kienet tagħmel l-ordnijiet, u għalhekk ma kien hemm ebda relazzjoni u ness bejnha u r-rikorrent.

Kif kienet ikkunsidrat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[23],

> "*il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' żewġ verżjonijiet konfliġġjenti, ikollha tirreferi u toqgħod mhux biss fuq id-depożizzjonijiet kontrastanti mogħtijin mill-partijiet imma testendi l-indaġni tagħha fuq il-provi dokumentali u / jew indizjarji li għandhom iwassluha għas-soluzzjoni ġusta tal-vertenza.*"

Illi Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992, irriteniet li:

---

[21] Fol. 86 et seq. tal-proċess;
[22] Fol. 85 tal-proċess;
[23] John Pace ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Accent Clear Traders Co. Ltd. Vs Kenward Cole ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' H.P. Cole Limited, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,26 ta' Frar 2001, 221/95JF; – fl-ismijiet., mogħtija nhar is-

> "*Illi hija ħaġa minn hewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor.* ***Il-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel l-allegazzjoni*****"**.[24] [25]

Fil-każ odjern, l-indizji kollha kienu li Fazio kien qiegħed jikkontratta f' isem jew bħala mpjegat tas-soċjetà intimata. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-piż tal-prova li dan kien qed jikkontratta biss f'ismu tinkombi fuq min jagħmel l-allegazzjoni u cioe is-soċjetà intimata.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi ma nġiebet ebda prova dwar ir-relazzjoni ta' Nino Fazio mas-soċjetà intimata, u cioe jekk dan kienx jaħdem għal rasu, kienx impjegat tagħha. Is-soċjetà intimata teċċepixxi li dan it-terz li kien jordna x-xogħol mingħand ir-rikorrent ma għandu xejn x'jaqsam magħha u kwindi hi m'hijiex il-leġittimu kontradittur, iżda mbagħad naqset li ġġib din il-prova ta' nuqqas ta' ness bejniethom u cioe bejnha u bejn Fazio, filwaqt illi tikkritika lir-rikorrent li ma ġabx dan il-"prova reġina". Il-Qorti taqbel li provi f'dan is-sens kienu jitfgħu iktar dawl fuq il-vertenza, iżda tqis li dawn setgħu, anzi kellhom, jinġiebu mis-soċjetà intimata ladarba hija hi li qed tallega li dan Nino Fazio ma kellu ebda relazzjoni magħha.

Il-fatt li s-soċjetà intimata stess minn jeddha ppreżentat rendikonti u ħlasijiet li hija għamlet lil dan it-terz Nino, magħruf miż-żewġ naħat, bħala prova li ma għandhiex relazzjoni mar-rikorrent; liema prova skont din il-Qorti ma tagħtix xi sostenn partikolari lill-pożizzjoni meħuda mis-soċjetà konvenuta li hija ma hijiex il-leġittimu kuntradittur.

Il-Qorti tikkonsidra li l-fatt li l-ordnijiet mar-rikorrent kienu jsiru minn persuna li kienet qiegħda tidher li qiegħda taġixxi għan-nom tas-soċjetà intimata, kjarament magħrufa mis-soċjetà intimata, taħdem kemm fil-warehouse tas-soċjetà intimata kif ukoll f'siti fejn kien hemm is-soċjetà intimata, tuża l-vannijiet, u l-istationery tas-soċjetà intimata[26], kien raġjionevoli għar-rikorrent jippreżumi li dan it-terz seta' kien qiegħed jaġixxi f'isem il-kumpanija. Kienu anke jsiru l-ħlasijiet, u kien biss wara li twaqqfu l-pagamenti u ntbgħatet korrispondenza lis-soċjetà intimata li r-rikorrent sar jaf bil-kontestazzjoni tas-soċjetà intimata għall-pagament fuq it-talbiet tal-ħlas li kien hemm pendenti.

---

[24] Frank Cilia noe. vs Charles Scicluna, Qorti tal-Kummerċ, 27 ta' April 1992, (Rikors Ġuramentat: 1337/90JDC);
[25] Enfasi miżjud minn din il-Qorti;
[26] Fatti mhux ikkontestati mis-soċjetà intimata;

Din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-materja tal-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur fejn il-kawża fl-ismijiet Frankie Refalo fil-kwalita' tiegħu ta' direttur tal-kumpanija "Frank's Garage Ltd" għan-nom, fl-interess u in rappreżentanza ta' l-istess vs. Jason Azzopardi u Stanley Portelli[27] ġie stipulat:

> *Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha.*
>
> *Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti.*
>
> *Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*
>
> *Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat prima faċie leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

[27] Ċitazzjoni Numru: 1365/92 AJM, 5 ta' Ottubru 2001;

Minn din is-sentenza tal-appell, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[28] siltet linji gwida dwar kif għandha tiġi ttrattata l-eċċezzjoni li konvenut ma jkunx leġittimu kontradittur:

*(1) l-unika indaġni li trid tagħmel il-Qorti hi jekk, fl-ipotesi li l-premessi tar-rikors ġuramentat tal-attur huma fondati, dawn jistgħux jolqtu lill-konvenut. Hekk per eżempju, azzjoni rivendikatorja istitwita kontra inkwilin ma tista' qatt tirnexxi anke jekk l-attur iġib l-aqwa prova li hu s-sid u għalhekk bla dubbju l-inkwilin imħarrek bħala konvenut ma jista' qatt ikun leġittimu kontradittur.*

*(2) kull ma jrid jiġi stabbilit hu jekk il-konvenut kienx materjalment – u għalhekk mhux legalment ukoll – parti fin-negozju traċċjat fil-premessi.*

*(3) id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

*(4) il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabilita' fuq il-konvenut appellant, jibqa' impreġudikat, għax jifforma parti mill-mertu tal-kawża*

*(5) illi jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċċitat ma jfissirx lanqas ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża;*

Konsiderata l-eċċezzjoni preliminari f'dawn it-termini, din il-Qorti tikkonkludi li fil-każ odjern is-soċjetà intimata kienet adegwatament intromettiet ruħha fin-negozju li minnu oriġinat l-azzjoni, li timmerita li tirrispondi għat-talbiet attriċi dwar il-mertu.

Il-Qorti tisħaq li l-jeddijiet ta' kull parti in kawża kienu u għadhom impreġudikati u li dan bl-ebda mod ma jippreġudika l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mis-soċjetà intimata

[28] Fis-sentenza fl-ismijiet Grace Borg vs. Edward Basile et., Onor Imħallef Grazio Mercieca, Rikors Ġuramentat Numru: 989/2018GM, 8 t'Ottubru 2019;

li dwarhom din il-Qorti għadha trid tiddelibera u dan b'konsistenza ma dak li tgħallimna l-Qorti tal-Appell Superjuri fil-każ appena ċċitat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni kif imressqa mis-soċjetà intimata; b'dan illi kull eċċezzjoni oħra, kif ukoll il-kap tal-ispejjeż jibqgħu impreġudikati bejn il-partijiet; u tordna l-prosegwiment tas-smigħ ta' din il-kawża.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur